MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 14/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sharon Tanti)**

**Vs**
David Camilleri

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn Awissu 2003 u Mejju 2005 u b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta, jew marbut b'kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-manteniment dovut lil martu Margaret Camilleri, ghaliha u/jew ghal wild minuri taghhom.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 338(z) u l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghaldaqstant ikkundannatu ghal terminu ta’ detenzjoni ta’ gimghatejn (2).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Jannar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija jew piena, u f’kaz li din il-Qorti thoss li ghandha tikkonferma l-htija, li tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika piena inferjuri minn dik moghtija li tirrifletti c-cirkostanzi attwali tal-kaz tal-appellant kif fuq esposti.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ li l-azzjoni hija preskritta; li l-azzjoni giet ezercitata meta ulied l-appellant kienu lahqu l-eta’ maggorenni taghhom u ghalhekk giet ezercitata ghan-nom ta’ persuni *“sui juris”;* illi kif inhi redatta l-akkuza, la darba l-obbligu tal-appellant fil-konfront ta’ martu biss mhux determinat f’ xi kuntratt jew ordni tal-Qorti, l-appellant ma jistax jinstab hati ghax ma osservax obbligi li hadd ma jaf x’ inhuma. Di fatti, l-manteniment originarjament miftiehem kien mahsub globalment ghall-mara w l-ulied minghajr qsim ta’ dan bejn il-mara u l-ulied. Ghalhekk issa li l-ulied saru maggorenni, l-obbligu tal-appellant, jekk talvolta jezisti, hu indeterminat u ma jistax jigbed konsegwenzi kriminali; Illi mill-provi gie stabilit li l-appellant ilhu mis-sena 1990 li waqaf mill-impieg tieghu fil-Libja w it-tfal illum huma maggoreni w kienu maggorenni fiz-zmien tal-allegat reat. Illi martu tahdem “part time” u hadmet ukoll “full time” u l-motivazzjoni tal-mara f’ dan il-kaz mhix ispirata minn xi bzonn. Illi hemm ghaddejjin tentattivi ta’ transazzjoni u fid-dawl ta’ dan kollu, l-piena ta’ erbatax il-jum detenzjoni hija certament eccessiva.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Rat ir-rikors tal-appellant tal-2 ta' Marzu, 2006 ,**

**Rat in-Nota tal-lum li biha l-appellant irtira dar-rikors u l-ordni tal-qorti biex jigi sfilzat;**

**Rat in-Nota tal-25 t' April, 2006, li biha l-appellant esebixxa kopja tal-kuntratt fl-atti ta-Nutar Dr. Lisa Camilleri tal-11 t' April, 2006, li bih l-appellant u martu varjaw il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni originali  tal-25 ta' Mejju, 1990 u kkomponew id-differenzi ta' bejnithom.**

**Rat il-verbal tal-lum li bih Margaret Camilleri ddikjarat li wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi, hi m'ghandha ebda interess fil-kawza w wisq inqas li zewgha jintbaghat il-habs.**

Rat illi l-appellant irtira l-aggravji kollha hlief dak li jirrigwarda l-piena.

**Ikkonsidrat;**

**Illi bl-izvilupp li sar bil-kuntratt fuq imsemmi, l-vertenzi kollha bejn l-appellant u martu issa gew komposti w ghalkemm dan b' ebda mod ma jnehhi il-htija li l-Ewwel Qorti irriskontrat fl-appellant fis-sentenza appellata, ikun il-kaz ta' temperament fil-piena.**

**Dan ghaliex, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Publius Said**" [25.9.2003], din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex**

**effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-kuntratt esebit ghas-sodisfazzjon shih ta' mart l-appellant w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-erbatax il-jum detenzjoni u, minnflok, tikkundannah ghall-ammenda ta' ghaxar liri Maltin (LM10).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------